# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78/8

It-Tlieta 23 ta` Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja itaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta ` filgħaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li dwar il-progett ta` Gnien Raymond Caruana, ser jigu mhejjieja pjanti tax-xoghlijiet kollha li ser isiru.Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill talab lill-perit sabiex jigi ccekjajt il-gibjun ta` taht il-Gnien jekk hemmx xi hsarat biex dan ikun jista` jibda jintuza.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienu twahhlu tabelli fi Triq Bir Miftuh u Triq De Warsbergh sabiex ma jghaddux vetturi ikbar minn hames tunnellati. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex isiru xi bollards fi Triq Bir Miftuh kif tkun ser idur ghal Triq De Warsbergh sabiex il-vetturi jduru sew u mhux jitillghu l-bankini. Dwar dan kien hemm qbil sabiex din il-proposta tintbghat lill-TM u jekk din tigi approvata, tigi implimentata mill-ewwel. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jaghmel notifika fuq il-pagna ta` Facebook tal-Kunsill dwar it-tabelli godda li twahhlu.

Is-Sindku ghamlet referenza ghar-rapport li gie mhejji mill-Contracts Manager ghax-xahar ta` Awwissu, fejn qalet li matul il-jiem tal-festa sar it-tindif mehtieg, fejn anke ntuzat il-magna tal-sweeping. Is-Sindku ziedet tghid li skond ir-rapport kull meta jkun hemm ilment dwar il-knis, il-kuntrattur jiehu azzjoni. Rigward it-tindif tal-gonna, dan qed isiru mill-haddiema tal-Kunsill u qed naraw li tindif jsir regolari, specjalment il-gonna l-aktar li jigu frekwentati. Il-Kunsillier A. Amri Brincat talbet sabiex isir tindifa tajba fi Gnien il-Helsien. Dwar dan ittiehdet nota biex dan jitnaddaf. Il-Vici Sindku qal li qed jigu mormija diversi glud ta` annimali gol-bins tal-belveder ta` Loretu.

Is-Sindku ghamlet referenza ghal xi bankjijet li nqaghlu fi Gnien Glormu Cassar sabiex l-haddiema tal-WSC seghtu jahdmu bil-makkinarju minhabba borehole li hemm fl-istess gnien. Is-Sindku ziedet tghid li dawn il-bankijiet ser jehlu f`post iehor fl-istess Gnien.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-meter temporanju li hemm fil-Gnien Glormu Cassar fejn iz-zmien ser jiskadu u ghalhekk il-Kunsill irid jara li d-dawl tal-gnien jitqabad mall-street lighting kif kien mifthiem. Dwar id-dawl u l-ilma tal-public convenience dak ser jaqa` taht il-Cleansing Unit.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-fitness classes fejn qalet li l-Kunsill talab lill-Kap tal-Iskola ta` St. Joan Antide sabiex il-Kunsill jaghmel uzu mis-sala tal-istess skola.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-raised central strip ta` Vjal it-Torri, fejn IM talbu xi informazzjoni ohra minn naha tal-perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghaz-zebra cross li hemm fi Triq Hal-Resqun fejn fil-prezent hemm dlam u ghalhekk hemm certu periklu biex wiehed jaghmel uzu minn din iz-zebra crossing. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir xi dawl temporanju.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Applikazzjoni ta` Fond ta` Manutenzjoni u Sostenn ta` Progetti Magguri li saru mill-Gvern (SPI/SCI/6/2022) fejn irefferiet ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-kumpanija Revive dwar poles ta` dawl imdawrin bil-pjanti. Is-Sindku talbet sabiex tingieb kwotazzjoni sabiex isiru sitt fanali fi Triq R.Caruana.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-pjanti li mietu fil-pots ta` Triq R.Caruana jitnehhew u jsiru ohrajn minflok u li l-Kunsill jara li dawn jissaqqew regolari.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Applikazzjoni relatata mall-attivita tal-Milied, fejn qalet li saru zewg laqghat mall-ghaqdiet tal-festi tal-lokal. Il-partijiet kollha qabblu li attivitajiet isiru fuq tlett ijiem mis-16 sa 18 ta` Dicembru 2022. Is-Sindku ziedet tghid li ghaqdiet ser jahdmu flimkien matul it-tlett ijiem u li l-prezz finali ser ikun qieghe djinqasam bejn it-tlett ghaqdiet. Is-Sindku kompliet tghid li gie proponut li fit-13 ta` Dicembru jigi organizzat tournament mill-Gudja United F.C. u fis-17 ta` Dicembru isir Christmas Fun Run bl-ghajnuna ta` Agones SFC. Mall-ghaqda Skali isir phot hunt u Grupp Zghazagh Gudja jahdem flimkien mall-Ghaqda tal-Knisja fl-attivitajiet li ser jigu organizzati.

Il-Kunsillier S Caruana propona li fl-ahhar ta` Novembru isir laqgha mall-hwienet tal-pjazza u toroq tal-madwar dwar kif ser jarmaw waqt l-attivitajiet.

Is-Sindku ziedet tghid li fid-19 ta` Dicembru ser isir il-kuncert fil-Knisja, fejn il-Kunsill bhal ma ghamel kull sena ser ikun qed jghin finanzjarjament biex jitella` dan il-kuncert.

Is-Sindku proponiet li jekk il-Kunsill ma jibbenifikax minn dawn il-fondi, il-Kunsill jara li jaghmel tajjeb finanzjarjament sabiex jitellghu xi attivitajiet matul il-gurnata tal-Hadd 18 ta` Dicembru. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**078.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

078.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-perit tal-Kunsill dahhal l-applikazzjoni tal-Outdoor Gym mall-PA. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jibghat lill-Parks Malta sabiex isir it-tindif neccessarju ta` din iz-zona.

078.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li gie avvicinati minn Parks Malta sabiex isir xi tisbih u xi manutenzjoni fi Gnien iz-Zghazagh dejjem bil-kundizzjoni li jibqa` gnien. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir fanal gdid fi Triq id-Dejqa kantuniera ma` Triq Santa Katerina u kif ukoll fanal iehor fi Triq Santa Katerina c/w Triq R.Caruana u minflok jitnehha riflettur. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

078.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien bghat ittra li dawk ir-residenzi kollha li ghandhom nicca mall-propjeta taghhom fejn gew mitluba jaghtu l-kunses taghhom biex meta tohrog l-iskema ghar-restawr ta` niccec, il-Kunsill ikun jista` japplika biex isir ix-xoghol mehtieg f'dawn in-niccec.

Il-Kunsillier S Caruana talab biex isir mera fi Triq V.Pasmore fejn St Mary Farmhouse.

Il-Kunsillier S Caruana qal li l-hamiem selvagg fil-lokalita rega` zdied. Is-Sur Caruana qal li l-ghalf li qed jinghata lil dawn il-hammiem mhux jahdem anzi l-ammonti qed jizdiedu.

19:15hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

078.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza relatata mac-charging pillars ta` Triq Bir Miftuh, fejn il-Kunsill qabel li din ghandha ssir fi Triq Bir Miftuh fejn Gnien Raymond Caruana (in-naha tal-bandli).

078.3.5 Giet prezentata ittra mill-Kunsill ta` Santa Lucija, dwar tabella tal-one way fi Triq tal-Lampat minn naha tal-Gudja. Il-Kunsill qabel sabiex il-one way isir except for residents, to render a service and for field workers.

078.3.6 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Ghaqda Muzikali Marija Assunta sabiex jorganizzaw BBQ nhar it-3 ta` Settembru fejn il-kapella ta` Loretu. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni.

078.3.7 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-PA dwar permess PA/04072/20 rigward xi xoghlijiet u twaqqiegh li ser isir f`ex St. Mary Fireworks factory fi Triq Hal-Tarxien il-Gudja.

078.3.8 Giet prezentata korrispondenza mibghuta mis-Socjeta Filarmonika La Stella dwar attivita ta` inawgurazzjoni tal-Monument nhar l-24 ta` Settembru fejn ir-roundabout ta` fejn il-Palazz. Din l-ittra qed titlob l-permessi mehtiega lill-TM ghall-gheluq ta` toroq.

078.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li gew sottomessi dokumenti godda (Mizura 4.3) tat-toroq li l-Kunsill qed jitlob il-fondi ghalihom biex isiru b`wicc gdid. Dawn id-dokumenti ntbghatu lill-ERA ghal approvazzjoni taghhom.

078.3.10 Giet prezentata korrispondenza li ntbaghtet minn Skali Gudja sabiex jaghmlu uzu mill-librerija nhar it-Tlieta 20 ta` Settembru. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni.

078.3.11 Gew prezentati kwotazzjonijiet tal-cash counter/detector ghall-uzu tal-Kunsill, fejn is-Sindku proponiet li l-Kunsill jaghzel l-irhas kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil.

078.3.12 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien inbdew xi xoghlijiet fil-bandli ta` Gnien Raymond, fejn il-Kunsill kien ibenifika minn fondi moghtija mid-DLG.

078.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-gabbani tal-ikel li jarmaw fiz-zewg festi ta` Ottubru, fejn il-Kunsill qabel li dawn jarmaw u ssir il-polza bhas-snin l-ohra.

078.3.14 Prezentata Skema SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta` Progetti Kapitali- Komunitajiet Isbah u Iktar b`Sahhithom. Din l-applikazzjoni taghlaq fl-14 ta` Ottubru 2022.

**078.4 Post Mortem: Jum il-Gudja 2022;**

Dan l-item ma giex diskuss.

**078.5 Rapport Finanzjarju minn Jannar sa Gunju 2022;**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghat-tieni kwart tas-sena (Jan-Gunju 2022). Ir-rapport gie approvat unanimament.

**078.6 Management Letter ghas-sena 2021 u Risposta tal-Kunsill ghall-Management Letter 2022;**

Is-Sindku prezentat l-Ittra tal-Direzzjoni u r-Risposta tal-Kunsill, liema dokumenti gew iccirukalati minn qabel ghall-attenzjoni tal-kunsilliera. Dawk prezenti approvaw dawn iz-zewg dokumenti.

**078.7 Problema tal-Hamiem Selvagg;**

Dan l-item gie diskuss qabel fil-komunikazzjoni tas-Sindku.

**078.8 Sitwazzjoni ta` Traffiku fil-Gudja;**

Dan l-item ma giex diskuss.

**078.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

078.9.1 Il-Vici Sindku JM Callejatalab sabiex isir xi zbir ta` xi sigar fi Triq ta` Hal Far.

078.9.2 Il-Kunsilliera A. Amri Brincat rrapurtat li hemm xi bozza maqtugha quddiem Wesgha Anglu Dalli.

078.9.3 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex isir bankina gdida fi Triq San Ciru kantuniera ma` Triq Bettina.

**078.10 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**078.11 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ahhar xoghlijiet li fadal fil-progett ta` pavimentar

,

fejn ghamlet referenza ghall-bankina tal-madum ta` Triq Santa Katerina. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-bankina ssir bil-madum tal-franka u jsiru xi planters fil-genb.

c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**

Gew diskussi x-xoghlijiet li qed isiru fil-hitan tas-sejjieh ta` Triq Hal -Far fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li hemm xi sidien tal-ghelieqi li ma jixtiequx li nirrangaw il-hitan tal-ghelieqi taghhom u ghalhekk il-Kunsill irid jaghzel siti ohra minflok. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-hitan tas-sejjieh tal-belveder ta` Loretu (wara l-bankijiet)

**078.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 40/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera A. Amri Brincat u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €50,202.31 u ġiet approvata nem con.

**078.13 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (8:20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar il-Hamis 22 ta` Settembru 2022 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 3 ta` Ottubru 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv